MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Numru. 1118/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**KONTRA**

**CARMEL ELLUL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Ellul ta' 57 sena, bin Joseph u Josephine nee' Schembri, mwieled Zurrieq fid- 9 ta' Mejju 1954, residenti 34, Triq Santa Katarina, Zejtun u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 424454M;

Li gie mressaq quddiemna sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, fis- 26 ta’ Jannar 2007 jew fil- jiem ta’ qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokuemnt mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu tal-kawza jikkoncerna l-bejgh ta’ vettura li kien ivvizzjat minn difetti fid-dokumenti ta’ trasferiment. Dan il-mertu kien gie tratta f’kawza separata fl-ismijiet “Pulizija v. Charlo’ Borg”, deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fil-25 ta’ Novembru, 2010. Di fatti, Borg u l-imputat odjern kienu tressqu flimkien f’kumpilazzjoni wahda, u kienet giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju meta Borg kien irregistra ammissjoni. L-involviment ta’ Ellul f’din il-kawza kien semplicement li hu kien ha d-dokument tat-trasferiment lil Transport Malta meta kien jaf illi fuq dak id-dokument kien hemm firma falza. Il-Qorti semghet il-provi kollha f’din il-kawza u m’ghandha l-ebda dubju li fil-fatt l-imputat kien jaf b’din l-istorja tal-firma falza. Hu kien iffirma bhala xhud tal-identita’ fuq id-dokument, u in difesa pprova jghid lill-Qorti li kien xi hadd minn Transport Malta li gieghelu jiffirma fuq l-istess document. Qal ukoll li hu kien jahdem bhala messaggier, u kien imdorri jmur f’dipartimenti differenti u jiffirma ghal kull dokument li jiehu hemm. Din l-ispjegazzjoni fjakka assolutament ma tregix, anzi turi kemm fil-fatt kien jaf bil-fatti tal-kaz. Ghalhekk il-Qorti qed issibu hati, izda sejra tillimita l-piena fuq konsiderazzjoni maghmula mill-partijiet fil-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 188, 17, 23, 23A (2), 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------